

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5015 — Sagard/BPEF/Fläkt Woods JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 19/10)

1. Fil-11 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Sagard SAS ("Sagard", Franza) li tappartjeni għall-grupp Power Corporation of Canada ("PCC", il-Kanada) u Barclays Private Equity France SAS ("BPEF", Franza) indirettament proprjetà ta' Barclays Bank PLC ("Barclays", ir-Renju Unit) jakkwistaw fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża kollha Fläkt Woods (Lussemburgu) Sàrl ("Fläkt Woods", Lussemburgu) permezz ta' ftehim ġdid ta' l-azzjonisti li jidħlu fih Sagard u BPEF.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriża kkonċernati huma:

- għal PCC: servizzi ta' assigurazzjoni, servizzi finanzjarji, servizzi ta' komunikazzjoni, teknoloġija u bijo-teknoloġija,
- għal Sagard: ġestjoni ta' fondi ta' investment,
- għal Barclays: servizzi finanzjarji,
- għal BPEF: ġestjoni ta' fondi ta' investment,
- għal Fläkt Woods: manifattura ta' ventilazzjoni ta' l-arja, u sistemi ta' mmaniġġjar ta' l-arja, sistemi ta' tmexxija ta' l-arja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (nru tal-fax (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5015 — Sagard/BPEF/Fläkt Woods JV, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Brussel

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.